MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1672/2004

**SMS Insurance Agency Ltd ghan-nom tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office plc, kif surrogata fil-jeddijiet ta' Joseph Meli u l-istess Joseph Meli**

**vs**

**Marie Claire Galea**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 t'Awissu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi ikkundannata thallas l-ammont ta' mitejn hamsa u disghin Liri Maltin u erbgha u hasmin centezmi (Lm295.54), liema ammont jirrapprezenta danni subiti mill-atturi wara incident stradali li sehh f'San Giljan fid-19 ta' Dicembru 2003, meta l-konvenuta kienet qed issuq vettura CBH 613 u habtet

mal-vettura DAS 647 misjuqa mill-attur Meli, ghal liema incident tahti unikament il-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tad-9 ta’ Marzu 2004 (Dok. A), l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Mejju 2004 (Dok. B) u l-ittra ufficjali iprezentata mal-avviz ghall-finijiet tal-Kap. 104 u bl-imghax dekorribbli skond il-Ligi mis-17 ta’ Mejju 2004 sa’ l-effettiv pagament.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija ecceppiet is-segwenti:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-incident tat-traffiku meritu ta’ din il-kawza ma garax tort u htija tal-esponenti, izda gara unikament tort u htija ta’ Joseph Meli, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi wkoll u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub in linea ta’ danni huwa ghal kollox esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ Mark Axiaq, ta’ Joseph Meli, ta’ PS 547 Martin Agius, ta’ John Borg Bellanti u tal-konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fid-19 ta’ Dicembru 2003 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAS 467 misjuqa mill-attur Joseph Meli u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBH 613 misjuqa mill-konvenuta.

L-attur Joseph Meli xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DAS 467 f’Regional Road sejjer fid-direzzjoni tas-Swieqi.

Huwa jghid li kien qed isuq fuq l-*inner lane* u li l-vettura tieghu u tal-konvenuta kienu kwazi biswit xulxin. F'dik il-parti tat-triq fejn kienu jinsabu, hemm zewg karreggjati ghall-vetturi sejrin fl-istess direzzjoni u aktar `il quddiem hemm dahla sabiex tidhol ghas-Swieqi. Meli jghid li huwa kien qed jipprocedi ghad-dritt fuq l-*inner lane* meta f'daqqa wahda il-konvenuta daret ghal quddiemu biex tidhol lejn is-Swieqi, huwa prova jigbed lejn ix-xellug biex jevita l-impatt izda it-tentativ tieghu sabiex jevita l-impatt sefa inutili. Meli jghid li l-hsara tieghu kienet fuq in-naha tal-lemin, fuq il-bieba ta' quddiem, ftit fuq il-bieba ta' wara u fil-*bumper* u l-fanal ta' dik in-naha. Huwa jsostni li malli l-konvenuta nizlet mill-vettura taghha hija skuzat ruhha u qaltlu li ma kienetx ratu ghaliex kienet mghaggla sabiex tmur ghax-xoghol. Huwa jghid ukoll li ma jaqbilx kompletament mal-iskizz ghaliex skond hu l-vettura tieghu kienet aktar lejn ix-xellug u l-vettura tal-konvenuta kienet aktar angolata.

Il-konvenuta ma xehdet xejn dwar id-dinamika tal-incident. Hija qalet biss li ma kellhiex hsara fil-vettura taghha bhala konsegwenza tal-incident u li l-unika hsara li kien hemm fil-vettura kienet man-naha tal-lemin u kienet ilha hemm. Hija tghid li bl-impatt, jekk effettivament kien hemm impatt bejn il-vettura taghha u dik tal-attur, din kienet biss bil-mirja. Hija tispjega li ma hasset ebda daqqa.

Mir-Road Accident Report jidher li a tempo vergine jidher li l-konvenuta qalet hekk:

*I was on the inner lane and did not see the other car anywhere and when I indicated to turn left towards Swieqi I felt that we collided.*

Din il-verzjoni tikkorobora l-verzjoni li ta l-attur dwar kif sehh l-incident salv ghall-fatt li huwa qal li l-konvenuta kienet fuq l-*outer lane* filwaqt li hija ssostni li kienet fuq l-*inner lane.* Mill-iskizz jidher evidenti li l-konvenuta kienet fuq l-*outer lane.*

Jidher li l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenuta li qabdet u daret lejn ix-xellug sabiex iddur lejn

is-Swieqi minghajr ma zammet *a proper lookout* ghal traffiku iehor li kien hemm fl-istess triq, ghaliex mill-verzjoni moghtija minnha stess jirrizulta li hija lanqas biss indunat bil-vettura tal-attur li kienet biswit il-vettura taghha biex b'hekk hija qabdet u daret ghal fuqha.

Il-konvenuta ukoll tikkontesta il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi fis-sens li qed issostni li uhud mid-danni reklamati mill-atturi m'humiex kompatibbli mad-dinamika tal-incident. Mix-xhieda tas-*surveyor* imqabbad mis-socjeta' attrici stess effettivament jirrizulta li parti mill-hsara li huwa irriskontra fil-vettura tal-attur ma kienetx kompatibbli mal-hsara fil-vettura tal-konvenuta. Inoltre l-attur stess jammetti li kien hemm ghafsa fil-bieba li kienet hemm qabel l-incident.

It-Tribunal jidhirlu li wiehed difficilment jista' jasal ghal figura preciza tad-danni li gew kawzati bhala konsegwenza tal-incident li jifforma l-meritu tal-kawza u dawk li kienu diga ezistenti fil-vettura tal-attur. Ghal din ir-raguni it-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* inaqqas l-ammont mitlub mill-atturi bis-somma ta' hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm75.00).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament fl-ammont ta' mitejn u ghoxrin Liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm220.54) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi din is-somma ta' mitejn u ghoxrin Liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm220.54), bl-imghax pagabbli mil-lum.

L-ispejjez ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2004 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------